MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2013

Numru. 102/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs**

**Omissis**

**Ganka Dankova ta' 29 sena bint Veselin u Maria xebba Sandiva imwieleda filt-03 ta' Gunju, 1983 gewwa l-Bulgaria u residenti temporanjament f'Malta gewwa fond mhux maghruf ID 605590586 (Bul)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' ommissis l-imputata li giet:

1. Akkuzata talli f'dawn il-gzejjer, nhar il-31 ta' Jannar, 2013, ghall-habta tal-11:00 ta' filghodu, gewwa l-Belt Valletta, ikkommettiet serq ta' kartiera, flus kontanti, credit

cards u dokumenti liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u dan ghad-detriment ta' Tereza Cachia, bi ksur ta' artikoli 284, 42(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Akkuzata talli f'dawn il-gzejjer, nhar il-31 ta' Jannar, 2013, ghall-habta tal-11:15 ta' filghodu, minn gewwa stabbiliment Peacoks fil-Belt Valletta, ikkommettiet serq ta' kartiera, flus kontanti, credit cards u dokumenti liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u dan ghad-detriment ta' Giovanna Galea, bi ksur ta' artikoli 261(c), 42(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Akkuzata talli f'dawn il-gzejjer, nhar il-31 ta' Jannar, 2013, ghall-habta tal-11:45 ta' filghodu, gewwa l-istabbiliment Promod sitwat fi Triq ir-Repubblika Belt Valletta, ikkommettiet serq ta' kartiera u flus kontanti liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u dan ghad-detriment ta' Helen Mary Bonnici, bi ksur ta' artikoli 261(c), 42(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Akkuzata talli nhar it-30 ta' Jannar, 2013, ghall-habta tal-5.30pm minn gewwa Triq ir-Repubblika, l-Belt Valletta, ikkommettiet serq ta' kartiera u flus kontanti, u dan ghad-detriment ta' Cody Gale Grech, bi ksur ta' artikoli 284, 42(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Akkuzata ukoll talli nhar it-30 ta' Jannar, 2013, ghall-habta tal-11:30 ta' filghodu, minn gewwa stabbiliment Peacoks fil-Belt Valletta, ikkommettiet serq ta' flus kontanti, kartiera u credit cards u dokumenti liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u dan ghad-detriment ta' Hazel Jessie ta' nazzjonalita Ingliza, bi ksur ta' artikoli 284, 42(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Akkuzata talli nhar it-30 ta' Jannar, 2013, ghall-habta tas-1:30 ta' wara nofsinhar, minn Triq ir-Repubblika Belt Valletta, ikkommettiet serq ta' flus kontanti u kartiera liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u dan ghad-detriment ta' Barbara Markowski ta' nazzjonalita Germaniza, bi ksur ta' artikoli 261(c), 42(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Akkuzata talli nhar it-30 ta' Jannar, 2013, ghall-habta tas-12:10 ta' wara nofsinhar, minn Triq Nofsinhar Belt Valletta, ikkommettiet serq ta' flus kontanti u kartiera u dan ghad-detriment ta' Rita Fenech, bi ksur ta' artikoli 261(c), 42(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

8. Akkuzata talli f'dawn il-gzejjer, nhar it-30 ta' Jannar, 2013, ghall-habta tal-10:30am, minn gewwa Triq ir-Repubblika l-Belt Valletta, ikkommettiet serq ta' kartiera, flus kontanti u dokumenti liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u dan ghad-detriment ta' Nicolina Agius, bi ksur ta' artikoli 284, 42(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

9. Akkuzata talli nhar it-30 ta' Jannar, 2013, ghall-habta tal-11:30am, minn gewwa l-istabbiliment Dorothy Perkins sitwat fi Triq ir-Repubblika l-Belt Valletta, ikkommettiet serq ta' kartiera, flus kontanti u dokumenti u dan ghad-detriment ta' Anonia Ellul, bi ksur ta' artikoli 284, 42(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

10. Akkuzata talli nhar id-29 ta' Jannar 2013, ghal habta tal-12:30pm, minn gewwa Triq ir-Repubblika l-Belt Valletta, ikkommettiet serq ta' kartiera, flus kontanti u dokumenti liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u dan ghad-detriment ta' Rita Seychelle, bi ksur ta' artikoli 284, 42(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputata liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputata inghatat zmien xieraq sabiex tirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputata l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha ghajr ghall-akkuza tar-recidiva. .

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputata, il-koperazzjoni taghha mal-pulizija u l-fatt illi xi flus gew ritornati u ser jigu mghoddija lill-vittmi, izda ma tistax tinjora l-fatt illi l-imputata hija akkuzata b'aktar minn incident wiehed ta' serq.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 42(d), 284, 261(c), 267, 279(a), 17(h) u b tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li tillibera lill-imputata mill-akkuza tar-recidiva billi din ma gietx ippruvata u l-fedina penali tal-imputata hija nadifa, issibha hatja tal-kumplament u tikkundannaha ghall-piena ta' sitt (6) xhur prigunerija.

Finalment il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza flimkien mal-atti tintbaghat lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------